**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Żejtun Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 04/24**

| | |
|---|---|
| **Data:** | It-Tnejn,22 ta' April 2024 |
| **Ħin:** | 5:53pm |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |
| **Preżenti** | Maria Dolores Abela - Sindku<br>Joan Agius - Viċi-Sindku<br>Amanda Abela - Kunsilliera (Skużata)<br>Dorcas Camilleri - Kunsilliera<br>Gesmond Baldacchino - Kunsillier<br>Raymond Caruana - Kunsillier (Skużat)<br>Roderick Caruana - Kunsillier (Skużat)<br>Sean Chircop - Kunsillier<br>Stephanie Fenech - Kunsilliera<br>Angelo Caruana - Assistent Prinċipali<br>Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **04.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** |
| **04.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;** |
| **04.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** |
| **04.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** |
| **04.05** | ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| **04.06** | **Approvazzjoni tal-Financial Statements bl-aġġustamenti suġġeriti mill-awdituri;** |
| **04.07** | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** |
| **04.08** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** |
| **04.09** | **Mozzjonijiet; u** |
| **04.10** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**04. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segreatrju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tlett ittrti ta' apoloġiji mingħand Caruana Ray, Caruana Roderick u Abela. | |

**04. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Baldacchino<br>Sekondant: Viċi-Sindku | Il-Minuti 03/24 inqraw u ġew approvati nem.con. B'dawn il-korrezzjonijiet. | |
| 4 2 1 | 03.04.01 | Chircop: Restawr tal-Kappella ta' Santa Marija | Din għandha taqra li l-Kunsill applikazzjoni sabiex jibda r-restawr tal-Kappella. | Chircop |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**04. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 2 2 | 03.02.10 | Viċi-Sindku: *Cats Eyes* fi Triq Ħal Tarxien | Staqsiet dwar fiex wasalna dwar dan. Is-Sindku qalet li l-pulizija tal-kommunita' tkellmu mar-resident li għamel dawn bla permess u dan qed jirrezisti li jitneħħew minħabba l-periklu li hemm fit-triq. | Sindku |
| 04. 2 3 | 03.03.02 | Chircop: Restawr Kapella San Klement | Chircop qal li wara li tlesta r-restawr, qal li għad baqa' plakka li trid tinqala u titwaħħal fuq in-naħa ta' ġewwa. | Chircop |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04. | 2 | 4 | 03.03.03 | Viċi-Sindku: Multa mill-ERA | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar x'ġara fuq il-multa li l-Kunsill qala' fuq iż-żbir tas-siġar. Is-Segretarju Eżekuttiv żied li s'issa minn naħa tagħna bagħtna l-appell u qed nistennew tweġiba minn naħa tal-ERA. | Segretarju Eżekuttiv |
| 04. | 2 | 5 | 03.03.05 | Viċi-Sindku: *Belishia Lights* | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar x'sar fuq l-applikazzjoni. Min naħa tagħna għadna qed nistennew lill-TM dwar id-deċizzjoni. | |
| 04. | 2 | 6 | 03.03.08 | Sindku: Żjara lill-Eċċellenza President ta' Malta | Is-Sindku qalet li din saret u magħha attendew l-kunsilliera Chircop u Fenech. Is-Somma miġbura waqt l-attivita' li ttellgħet mal- Group Chinese Medical Team kienet ta' €200. F'isem il-Kunsill irringrazzjajnieh għall-ħames snin li serva bħala president u awgurajnielu għall-futur. | Sindku |
| 04. | 2 | 7 | 03.04.01 | Chircop: Restawr tal-pedestalli u statwi taz-zuntier | Chircop qal li dan ir-restawr beda u ser tkun qed issirilhom manutenzjoni. | Chircop |
| 04. | 2 | 8 | 03.05.04 | Camilleri: Tqassim ta' figolli | Camilleri qalet li l-figolli tqassmu lir-residenti tat-tlett iDjar tal-Fondazzjoni Nazzareth. | Camilleri |
| 04. | 2 | 9 | 03.05.05 | Sindku: Skudetti | Is-Sindku qalet li dawn tlestew u issa hemm il-ħsieb li jiġu mpittra s-sebgħa skudetti tas-sindki l-antiki li kien hawn fiż-Żejtun. | |
| 04. | 2 | 10 | 03.05.06 | Camilleri: Librerija | Camilleri staqsiet jekk kienx hemm żvilupp dwar dawn it-talbiet. Is-Sindku talbet li għandu jibda x-xogħol u jiġu nstallati wkoll il-kameras ta' sigurta' wara li naqssu xi affarijiet tal-librara. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| 04. | 2 | 11 | 03.06.01 | Sindku: *Slow Streets* | Is-Sindku qalet li bħala feedback dwar dan il-proġett ma kienx hemm mingħand ħadd. Għaldaqstant talbet li ttieħed votazzjoni għall-approvazzjoni. Il-Viċi-Sindku u Camilleri astjenew dwar dan. | |

**04 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML04/24. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04 | 3 | 1 | | Sindku: *School Grannies* | Is-Sindku qalet li rċevejna l-MOU u jekk naqblu jiġi ffirmat. Ser issir sejħa għall-persuni 'l fuq minn 60 sena. Dawn ser jitħallsu bil-€5.50 s-siegħa u ser ikollom siegħa qabel d-dħul u siegħa wara l-ħruġ. S'issa applikaw tlieta. | Sindku |
| 04 | 3 | 2 | 02 | DLG -Talbiet għall-kumpens | Ġiet moqrija din iċ-ċirkolari fejn hemm linji gwida eżatt x'għandu jsir. | Segretarju Eżekuttiv |
| 04 | 3 | 3 | 12 | Triq Anġlu Grima | Ġiet imdawwra mal-mejda l-pjanta ġdida kif ser ikun qed idur it-traffiku. Din ser tintbgħat lill-TM għall-approvazzjoni. Kien hemm qbil unanimament dwar dan it-tibdil. | Segretarju Eżekuttiv |
| 04 | 3 | 4 | | *Community Policing* | Is-Sindku qalet li dawn qed jintervjenu fuq affarijiet żgħar. | Sindku |

**04. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04. | 4 | 1 | | Nominazzjonijiet: Elezzjonijiet Kunsilli Lokali | In-nominazzjonijiet għall-kandidati tal-Kunsilli Lokali ser jinfetħu bejn il-25 u d-29 ta' April. | |
| 04. | 4 | 2 | | Viċi-Sindku: Ġibjun Ġebel San Martin | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar jistax isir manutenzjoni fuq il-ġibjun fi Triq Toni Zahra tal-Kunsill. Ser niċċekjaw ukoll dwar il-ġibjun li hemm fiż-żona ta' San Klement. | Segretarju Eżekuttiv |
| 04. | 4 | 3 | | Sindku: Xogħol f'Misraħ Indipendenza | Is-Sindku qalet li sar xogħol fejn il-Kunsill ma kienx infurmat. Meta avviċinat lill-ħaddiema qalulha li mqabbda mill-management u kien qed isir minn Project Green fuq talba mill-Kunsillier Caruana Ray. Min-naħa tal-Kunsill bagħtna imejl lill-Project Green u nkludejna lill-Awtorita' tal-Artijiet biex ninfurmawhom dwar dan fid-dawl li dik kienet art li tgħajjat lilhom u ġejna avviċinati minn resident li qal li għandu dritt għall-aċċess minħabba d-drenaġġ. | Sindku |
| 04. | 4 | 4 | | Viċi-Sindku | Il-Viċi-Sindku qalet li hemm problema fi Sqaq ta' Tavlin minħabba problema tal-Għargħar. Sqaq San Adeotato staqsiet dwar problema li hemm f'dan is-sqaq kif ukoll l-applikazzjoni għal-parkeġġ riservat. Is-Sindku qaletl li diġa konna bagħtna l-public works biex jaraw x'jista' jsir. | Segretarju Eżekuttiv |
| 04. | 4 | 5 | | Viċi-Sindku: Bankina fiż-żona Ħal Tmin Blokk Ġ | Il-Viċi-Sindku qalet li kellha talba sabiex tiġi rranġata biċċa mill-bankina f'din iż-żona. Ser inkellmu lill-IM dwar dan. Camilleri qalet l-bankina ta' faċċata tal-Barus ġejja kbira. Kien hemm diskussjoni dwar dan u tkellimna mal-perit. Dan qed isir biex jitnaqqas l-abbuż fis-sewqan u tiġi allenjata t-triq mal-karreġjati 'l fuq. Is-Sindku qalet li x-xogħol ħa iktar fit-tul minħabba li żdied xogħol ieħor minn naħa tal-WSC. | Sindku |
| 04. | 4 | 6 | | Viċi-Sindku | Qalet li kellmuha n-nies minħabba pal tal-bajtar li qed jaqa' għat-triq. Ser inkellmu s-sid biex jieħu ħsieb jiżbor. | Segretarju Eżekuttiv |

**04. 5. Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04. | 5 | 1 | | Chircop | Chircop qal li matul rotta tal-linja qed jitwaħħlu ħafna reklamar fuq stickers li huma illegali. Ser inkellmu lill-pulizija dwar dan. | Segretarju Eżekuttiv |
| 4 | 5 | 2 | | Chircop: Tifkira tal-Gwerra | Chircop qal li għal sena oħra ser issir it-tifkira tal-vittmi tal-gwerra. Din ser issir fil-5 ta' Mejju. | Chircop |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 4 | 5 | 3 | | Chircop: Proponiment Triq Lino Psaila | Chircop qal li l-Kumitat għat-tismija tat-toroq qablu dwar din il-bidla imma hemm problema għax it-triq għadha mhux kollha pubblika. Qed jissuġerixxi li dan l-isem jingħata lis-service road fi Triq id-Daħla ta' San Tumas. Wara li kein hemm qbil ser issir it-talba għal dan. | Chircop |
| 4 | 5 | 4 | | Fenech: Bank tad-demm | Fenech qalet li l-Ħadd, 28 ta' April ser ikollna l-bank tad-demm fiż-Żejtun. | Fenech |
| 4 | 5 | 5 | | Camilleri: Refreshing | Camilleri qalet li hemm bżonn refreshing taż-żebgħa fi Triq il-Kbira u Misraħ il-Bjar. | Sindku |
| 4 | 5 | 6 | | Camilleri: Revision Classes | Camilleri qalet li ser jerġgħu isiru għal tfal bejn dawk li spiċċaw il-year 2 u ul-year 6. Ser jiftħu l-applikazzjonjiet u jagħlqu fil-31 ta' Mejju. Dawn ser isur minn MS Rachel Grima. | Camilleri |
| 4 | 5 | 7 | | Camilleri: *Prize Day* | Camilleri qalet li hemm il-ħsieb li l-anzjani ta' Dar Nazzareth jiġu mistiedna għal din l-attivita' organizzata mill-iskola. | |
| 4 | 5 | 8 | | Camilleri: Story telling | Camilleri qalet li fit-23 ta' Mejju ser issir sezzjoni ta' *story telling*. Ser ikun hemm il-ġurija u f'isem il-kunsill ser ikun hemm Chircop parti mill-ġurija. | Camilleri / Chircop |
| 4 | 5 | 9 | | Camilleri | Camilleri qalet li ħadu l-istudenti tagħhom fil-workshop il-ġdid tal-Fondazzjoni Nazzareth fejn inqara ktieb u sar il-krafts mar-residenti. | |
| 4 | 5 | 10 | | Chircop: Workbook | Chircop qal li dan issa lest u ser jiġi printjat u jitqassam lill-istudenti. | |
| **04.** | **6.** | | | **Approvazzjoni tal-Financial Statements bl-aġġustamenti suġġeriti mill-awdituri;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 04. | 6. | 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Ġew imressqa il-Financial Statements bl-aġġustamenti ssuġerit mill-awdituri. Wara li s-segretarju eżekuttiv spjega li bħala figuri ma nbidel xejn iżda biss fin-narrazzjoni, dan ġie approvat unanimament. | Segretarju Eżekuttiv |
| **04.** | **7.** | | | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 04 | 7 | 1 | | Viċi-Sindku: Play | Il-Viċi-Sindku qalet li ser issir fl-iskola bl-isem tal-'Kunjata Baqala' Żmien' | |
| **04.** | **8.** | | | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 04. | 8. | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 04/24 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 04. | 8. | 2 | Talbiet għal Xiri Seduta 04/24 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 04. | 8. | 3 | *Petty Cash* - Marzu 2024 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Marzu hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €174.42 | Segretarju Eżekuttiv |

**04 9 Mozzjonijiet; u**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04. | 9 | 1 | | | Ma kinx hemm mozzjonijiet mressqa. | |

**04 10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fit-7:40pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 20 ta' Mejju 2024 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Maria Dolores Abela | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |